Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2026/1696

17.3.2026

# DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-UNJONI GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U L-POLITIKA TA' SIGURTÀ

**tas-17 ta’ Frar 2026**

**dwar is-sostituzzjoni tal-Appendiċi B tad-Deċiżjoni ADMIN (2023) 18 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Ġunju 2023 dwar ir-regoli tas-sigurtà għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna**

**ADMIN/2026/5**

(C/2026/1696)

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 10(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Appendiċi B tad-Deċiżjoni tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Ġunju 2023 dwar ir-regoli tas-sigurtà għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna [2] (Deċiżjoni ADMIN (2023) 18, minn hawn 'il quddiem ir-“Regoli tas-Sigurtà tas-SEAE”) fih tabella li tistabbilixxi l-ekwivalenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà tal-UE, tal-Euratom u tal-Istati Membri tal-UE.

(2) Fl-14 ta' April 2025, il-Belġju nnotifika lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill dwar bidliet fil-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà tiegħu. Dawk il-bidliet introduċew ir-raba' livell ta' klassifikazzjoni Belġjana “RESTREINT (Loi 11.12.1998) – BEPERKT (Wet 11.12.1998)”.

(3) Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1540 tat-18 ta’ Lulju 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2013/488/UE dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE [3] li biha l-Kunsill issostitwixxa, fost l-oħrajn, it-tabella ta' ekwivalenza tal-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà annessa mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE [4].

(4) Sabiex jittieħed kont tal-bidliet fir-regoli Belġjani dwar il-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà u biex tiġi żgurata l-koerenza tar-Regoli tas-Sigurtà tas-SEAE mal-klassifikazzjonijiet tas-sigurtà applikati mill-Kunsill, jenħtieġ li l-Appendiċi B tar-Regoli tas-Sigurtà tas-SEAE jiġi sostitwit b'test ġdid.

(5) Skont l-Artikolu 15(4)(a) tar-Regoli tas-Sigurtà tas-SEAE, il-Kumitat tas-Sigurtà tas-SEAE ġie kkonsultat fis-16 ta' Jannar 2026,

[1] ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2010/427/oj.
[2] ĠU C 263, 26.7.2023, p. 16.
[3] ĠU L, 2025/1540, 25.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1540/oj.
[4] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta’ Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta’ informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1 ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2013/488/oj).

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Appendiċi B tad-Deċiżjoni ADMIN (2023) 18 tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tad-19 ta' Ġunju 2023 dwar ir-regoli tas-sigurtà għas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-firma tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Frar 2026.

Kaja KALLAS
*Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni*
*għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà*

*ANNESS I*

*"Appendiċi B"*

**Ekwivalenza tal-klassifikazzjoni ta' sigurtà**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| UE | TRES SECRET UE/EU TOP SECRET | SECRET UE/EU SECRET | CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL | RESTREINT UE/EU RESTRICTED |
| EURATOM | EURA TOP SECRET | EURA SECRET | EURA CONFIDENTIAL | EURA RESTRICTED |
| Belġju | Très Secret (Loi 11.12.1998)<br>Zeer Geheim (Wet 11.12.1998) | Secret (Loi 11.12.1998)<br>Geheim (Wet 11.12.1998) | Confidentiel (Loi 11.12.1998)<br>Vertrouwelijk (Wet 11.12.1998) | RESTREINT (Loi 11.12.1998)<br>BEPERKT (Wet 11.12.1998) |
| Bulgarija | Строго секретно | Секретно | Поверително | За служебно ползване |
| Repubblika Ċeka | Přísně tajné | Tajné | Důvěrné | Vyhrazené |
| Danimarka | YDERST HEMMELIGT | HEMMELIGT | FORTROLIGT | TIL TJENESTEBRUG |
| Ġermanja | STRENG GEHEIM | GEHEIM | VS ([1]) — VERTRAULICH | VS — NUR FÜR DEN DIENSTGEBRAUCH |
| Estonja | Täiesti salajane | Salajane | Konfidentsiaalne | Piiratud |
| Irlanda | Top Secret | Secret | Confidential | Restricted |
| Greċja | Άκρως Απόρρητο<br>Abr: ΑΑΠ | Απόρρητο<br>Abr: (ΑΠ) | Εμπιστευτικό<br>Abr: (ΕΜ) | Περιορισμένης Χρήσης<br>Abr: (ΠΧ) |
| Spanja | SECRETO | RESERVADO | CONFIDENCIAL | DIFUSIÓN LIMITADA |
| Franza | TRÈS SECRET<br>TRÈS SECRET DÉFENSE ([2]) | SECRET<br>SECRET DÉFENSE ([2]) | CONFIDENTIEL DÉFENSE ([2]), ([3]) | Nota ([4]) hawn taħt |
| Kroazja | VRLO TAJNO | TAJNO | POVJERLJIVO | OGRANIČENO |
| Italja | Segretissimo | Segreto | Riservatissimo | Riservato |
| Ċipru | Άκρως Απόρρητο<br>Abr: (ΑΑΠ) | Απόρρητο<br>Abr: (ΑΠ) | Εμπιστευτικό<br>Abr: (ΕΜ) | Περιορισμένης Χρήσης<br>Abr: (ΠΧ) |
| Latvja | Sevišķi slepeni | Slepeni | Konfidenciāli | Dienesta vajadzībām |
| Litwanja | Visiškai slaptai | Slaptai | Konfidencialiai | Riboto naudojimo |
| Lussemburgu | Très Secret Lux | Secret Lux | Confidentiel Lux | Restreint Lux |
| Ungerija | 'Szigorúan titkos!' | 'Titkos!' | 'Bizalmas!' | 'Korlátozott terjesztésű!' |
| Malta | L-Ogħla Segretezza<br>Top Secret | Sigriet<br>Secret | Kunfidenzjali<br>Confidential | Ristrett<br>Restricted ([5]) |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Netherlands | Stg. ZEER GEHEIM | Stg. GEHEIM | Stg. CONFIDENTIEEL | Dep. VERTROUWELIJK |
| Awstrija | Streng Geheim | Geheim | Vertraulich | Eingeschränkt |
| Polonja | Ściśle Tajne | Tajne | Poufne | Zastrzeżone |
| Portugall | Muito Secreto | Secreto | Confidencial | Reservado |
| Rumanija | Strict secret de importanță deosebită | Strict secret | Secret | Secret de serviciu |
| Slovenja | STROGO TAJNO | TAJNO | ZAUPNO | INTERNO |
| Slovakkja | Prísne tajné | Tajné | Dôverné | Vyhradené |
| Finlandja | ERITTÄIN SALAINEN YTTERST HEMLIG | SALAINEN HEMLIG | LUOTTAMUKSELLINEN KONFIDENTIELL | KÄYTTÖ RAJOITETTU BEGRÄNSAD TILLGÅNG |
| Żvezja | Kvaliciferat hemlig | Hemlig | Konfidentiell | Begränsat hemlig |

(1) Ġermanja: VS = Verschlusssache.

(2) L-informazzjoni ġġenerata minn Franza qabel l-1 ta' Lulju 2021 u kklassifikata 'TRÈS SECRET DÉFENSE', 'SECRET DÉFENSE' u 'CONFIDENTIEL DÉFENSE' għandha tkompli tiġi ttrattata u protetta fil-livell ekwivalenti ta' 'TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET', 'SECRET UE/EU SECRET' u 'CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL' rispettivament.

(3) Franza tittratta u tipproteġi informazzjoni klassifikata 'CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL' f'konformità mal-miżuri ta' sigurtà ta' Franza għall-protezzjoni ta' informazzjoni 'SECRET'.

(4) Franza ma tużax il-klassifikazzjoni 'RESTREINT' fis-sistema nazzjonali tagħha. Franza tittratta u tipproteġi informazzjoni 'RESTREINT UE/EU RESTRICTED' b'mod xejn anqas strett mill-istandards u l-proċeduri deskritti fir-regoli tas-sigurtà tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(5) Il-marki Maltin u Ingliżi għal Malta jistgħu jintużaw b'mod interkambjabbli."